Il-Berritta Bajda ta' bil-lejl

KUMMIEDJA F'ATT WIEHED TA' ALBERT M. CASSOLA

PERSUNAĠĠI

Mikiel, Sofija, Lonza, Monsieur Lafayette, Wenzu, Tal-Posta.

KAMRA TAS-SODDA

(Jaqbad ma' p. 69 Mejju-Diċembru)

MIKIEL: Ma nista' naqbad xejn. Sofija ta' qalbi qiegħda tiġġennen! Kollu mħabba fija li ma tistax tiġini waħda tajba. Iżda b'dana kollu, kliemha ma jidhirx ta' waħda miġnuna. Tassew li ma nista' nifhem xejn.

LONZA: (*ferħana*) Sinjur, Sinjur!

M. X'ġara? Min kien?

L. Ħares mit-tieqa: ara dak it-tifel x'radju sabiħ għandu!

M. Tabilħaqq. Meta naħseb li jien qatt ma jista' jkolli wieħed bħalu!

L. Min qallek li ma jkollokx? Dak għalik!

M. Eh?

L. Arah dieħel il-bieb dak it-tifel. F'idu għandu l-karta bil-...

M. Bil-kont? Ibagħtu lbarra, għidlu li marti tilfet rasha; għidlu jieħu r-radju lura mnejn ġiebu.

L. Għandek żball. Dik hija l-irċevuta, mhux il-kont! Ħalli mmur inġibhielek. (*toħroġ u tarġa' tidħol bl-irċevuta f'idha*). Hawn hi, araha.

M. (*jaqra*) "Irċevejna minn għand is-Sinjura Sofija Fenek, ħamsa u għoxrin lira ta' radju bi ħmistax-il valvola eċċ." Din hija ħolma! Jien qiegħed f'dari jew fil-manikomju?

L. Tibża' xejn... ix-xorti messitek!

M. U kif ġietni dix-xorti? Meta? X'ħin? Għidli int, Lonza. Tigdiblix, għax nifgak! (*qisu mitluf*).

L. Jien m'għandix x'naqsam. Jien ma naf xejn. Il-quddiem tkun taf kollox. (*taħrab*)

M. (*dejjem mibluh u mitluf*) Sofija, Sofija, għidli ftit x'għamilt kemm ili nieqes jien mid-dar! Meta, kif qatt setgħet marti ġġib dawn il-flus kollha? U mnejn? Zgur rebħet xi kwintern! Jekk hu hekk allura jkolli narġa' ngħid li Sofija hi l-iżjed mara għaqlija tad-dinja!

LAFAYETTE. Bon jour, monsieur. Permettez que j'aie l'honneur de me dire votre trèshumble et obéissant serviteur.

M. Ħallini mill-kumplimenti, xbin U tkellimnix bl-Ispanjol. Tridx tgħidli f'ħiex nista' naqdik, x'nista' nservik?

L. Me servir? Servir me? Je suis moi che pour la première fois j'ai la fortune d'être à vos ordres.
M. Tridx tagħmilli pjaċir tgħidli x'ġiebek hawn u min int?
L. Je suis Lafayette.
M. La Valette? Kif, int il-Grammastru?
L. Mais no, monsieur: Lafayette!
M. La Valette—tal-Banda? Issa ma għandix bżonn ta' daqq aktar, ġa għandi r-radju.
L. Mais no, no, monsieur.
M. Ħallik minn 'no no'. Tridx tgħidli min int u teħles?
L. Tout de suite, monsieur. Je suis monsieur Lafayette, le tailleur français.
M. Ħajjat Franċiż?
L. Oui, monsieur, le tailleur parisien. Je jouis d'une réputation colossale, pyramidale...
M. Tridx tgħidli x'ġejt tagħmel għandi, sur Pyramidale, ħej.
L. C'est pour le plaisir de vous apporter mes nous nouveautés.
M. Novitajiet ġodda?
L. Du dernier goût.
M. Għandek il-gotta?
L. (*Jurih xi lbies*) Regardez, monsieur: voilà un habit bréveté par l'accadémie de beaux arts.
M. Ah! Din il-libsa... est bréveté par l'Accadémie de Bull's Eye? M'għandhomx x'jagħmlu dawn is-sinjuri ta' l-Akkademja milli jidher.
L. Voilà un gilet qui a vincu le prix; voilà un pantolon qui était exposé à Hollywood.
M. Komment? Dawn il-qliezet dehru f'esposizzjoni ġo Hollywood?
L. Oui, monsieur. Greta Garbo l'a honoré de son regard et de son approbation...
M. Mela tassew li Greta Garbo għandha gosti sbieħ.. għallqliezet.
L. Regardez dans le fond, voilà le noms de la ditte.
M. C'est bien consolant d'avoir le noms de la ditte... fil-fond tal-qalziet. Hemm fond xejn? Jilħaqli? Ma hemmx xi 'magnetic mine', hux?
L Ah! monsieur, quelle pratique d'esprit je dois à Madame.
M A madame? Madame mhux marti, hux? Isma' sieħeb tridx inkomplu bil-Malti? Aħjar għalik u aktar għalija, taf. X'madame hi li għidt?
L. Madame Sofija, il-mara tiegħek, monsieur.
M. Il-mara tiegħi? Il-mara tiegħi bagħtitek hawn?
L. Oui, monsieur, pour vous habiller 'latest fashion'.

M. Int x'Università mort biex taf dawn l-ilsna kollha? Bil-Malti ma tlaqlaqx?

L. Un peu, monsieur.

M. Ara, jiena niżżik ħajr. iżda ma rrid xejn minn għandek. Tista' tarġa' lura minn fejn ġejt.

L. Vous voulez... tagħmilli rigal ta' dan kollu?

M. Nagħmillek rigal? Dawk mhux ħwejġek? Ma rrid nixtri xejn ilbies għax lanqas biex nixtri xkora ħalli ngħatti l-kamra tal-gass ma għandi!

L. Dawn l-ilbies ordnathom is-sinjura tiegħek, monsieur: tatni l-qies tiegħek hi u l-kummissjoni...

M. Marti tatek il-qies tiegħi? Mela ħalfet tassew li trid tgħallaqni għal kollox! U xi kemm jiswa dan kollu?

L. Ħaġa żgħira, monsieur, miżerja: sebgħa u ħamsin lira.

M. Sebgħa u ħamsin lira! Monsieur, tħu kollox lura għax jien ma rrid xejn u ma nista' nħallas xejn.

L. Jiena ħallsitni Madame!

M. Ħallsitek... madame?

L. Oui monsieur, u hawn l-irċevuta.

M. La darba hu hekk, ħalli kollox hawn... saħħa, bon voyage!

L. Merci beaucoup. Xahar ieħor ngħaddilek avec les nouveautés; peut-être nous aurons les habits a la Robert Taylor.

M. Dan xi ħajjat ieħor?

L. Au revoir. (*joħroġ*).

M. Adieu, mon cheri. Sebgħa u ħamsin lira lbies fi żmien il-gwerra meta l-karta stess nużawha miż-żewġ naħiet biex ma naħlux! Ma nagħmlux li marti kixfet xi minjieri taddeheb ġo l-Abissinja? Jekk rebħet il-lottu, għax ma tgħidlix ?(*jibda jfittex il-flus fil-ġħamara*) Ħalli nfittixha. Hawn ma hawn xejn; hawn lanqas. Ħalli nara hawn. Ma jidher xejn. L-ebda sinjal. Dil-borża xinhi? Flus! Minjieri! L-Abissinja! Rebħet xi lotterija! Għalhekk dan kollu! Sirna sinjuri! Ħalli nilbes ikif jixraqli issa. Dana lbies! (*jilbes*) Hekk aħjar! Arani u la tmissnix. Tgħidli xejn, il-Franċiżi għal-linji ma hawnx bħalhom! Ara x'qatgħa!

LONZA. Ara s-sinjur ħej, x'libsilna.

M. Ejja, Lonz, ejja.

L. M'għadekx bihom?

M. Sibt dan il-kalmant fil-kaxxun tal-mara (*juriha l-borża bil-flus*) ngħidlek li aħjar minn elf Aspirina! X'jidhirlek, eh? Donni minix jien; qisnix xi miljunarju?

L. Ih! Kemm sa trabbi arja f'daqqa waħda, sinjur.

M. Il-flus jagħtuk arja iżjed mix-xemx ta' Awissu! Iżda ma nistax nifhem għaliex marti ma qaltli b'xejn...

L. Mela inti taf b'kollox ?
M. Kollox, Lonza, kollox naf !
L. (Min sata' qallu ?)
M. Ħsibtni ser ma nindunax ? Jiena jilħaqli taf ! Kemm sewa daqsxejn ta' biljett !
L. Jien ridt inkun, taf.
M. Ħsieb tiegħek kien ? Brava tassew. Ħallini nagħtik bewsa !
L. Is-sinjura ma riditx għall-ewwel għax beżgħet daqsxejn minnek.
M. (Miskina, taf li jiena ma nħobbux il-logħob !)
L. Qaltli: żewġi ma jrid jaf b'xejn.
M. Hekku hu. Dejjem bagħadtu. Imma issa sirt inħobbu f'daqqa.
L. Ma kellekx għalfejn ma tħobbux, wara kollox, mhux mill-agħar, imsejken.
M. Mhux mill-agħar ? Imsejken ?
L. Minn tagħna ħafna.
M. Minn tagħna ħafna ? Min ? Għal min qiegħda tgħid ?
L. Ma għedtx li taf b'kollox? Ma semmejtx il-biljett ?
M. Il-biljett... iva... tkellem u tigdiblix... x'numri kienu ?
L. Kif, x'numri ?
M. B'liema numri rebħet, marti ?
L. U t-Torok issa qiegħda nifhem...in-numri ma ngħidhomlokx.
M. Fejnu l-biljett ? Irrid narah !
L. Il-biljett ma tahulniex lura. Il-biljett baqa' għandu.
M. Għandu min ?
L. Xi ġralek, sinjur, x'inti taħseb ?
M. Għidli, għidli kollox u tigdiblix !
L, Ma tafx kollox ?
M. Ma naf xejn. Stqarr is-sewwa jew noqtlok.
L. (X'biċċa din! Aħjar naħrab.) (*taħrab*).
M. (*Jiġri warajha)* Iftaħ il-bieb ! Iftaħ għax noqtlok !
Tal-Posta. Is-sinjura Sofija Fenek hawn toqgħod ?
M, Min int ?
T.P. Hawn ittra bla bolol.
M. Ma nżommhiex. Ħudha lura.
T.P. Imħallsa u lesta.
M. Mela ġibha.
T.P. Hawn hi. (*joħroġ*).

(*Jissokta*)